10 ta' Ottubru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Marianna Cutajar et. *versus* Lorenzo Briffa

**Appoġġ — Pagament — Prova — Xhieda — Art. 1039 (1) tal-Kodiċi Ċivili**

*Hu prinċipju paċifiku li min jallega l-pagament għandu jippruvah.*

*Ħlas ta' appoġġ ma jiġix pruvat per mezz ta' kuntratt li fih min jitlob il-ħlas tal-appoġġ ma hux parti.*

*Lanqas ma jista' jiġi pruvat per mezz ta' xhieda li jistgħu tal-volta jiddepponu li sar ftehim dwar il-ħlas tal-appoġġ; għax hija ġurisprudenza paċifika li d-dritt tal-appoġġ, bħala "jus in re", huwa dritt reali u immobiljari; u għalhekk kwalunkwe konvenzjoni li biha dan id-dritt jiġi trasferit lil ħadd ieħor mhix valida jekk ma tirriżultax minn att publiku bejn l-istess partijiet.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-konvenut poġġa l-bini tiegħu li jinsab iż-Żejtun, Constitution Street numru 25, ma' bini tal-attur li jinsab fl-istess triq numru 23; u illi s-somma dovuta mill-konvenut bħala dritt ta' dan l-appoġġ, kif stabbilit mill-Perit Renè Buttigieg, A.I.C., imqabbad mill-attriċi, ġiet fissata għas-somma ta' £14.2.8, oltre £2 dritt professjonali tal-perit (dok. A); talbu li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-atturi l-imsemmija somma komplessiva ta' £16.2.8 għar-raġunijiet fuq imsemmija, jew somma oħra verjuri li tiġi likwidata mill-Qorti; bl-imgħax legali u bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi d-dritt tal-appoġġ in kwistjoni huwa ġa m[illegible] las, kif jirriżulta mill-kuntratt publikat fl-24 ta' O[illegible] 1953, u jekk hemm bżonn anki minn provi oħra li jiġu

dotti fit-trattazzjoni tal-kawża; u għalhekk id-domandi attriċi għandhom jiġu riġettati; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi huwa prinċipju paċifiku li min jallega l-pagament għandu jippruvah; u l-konvenut jippretendi li jipprova l-ħlas tal-appoġġ in kwistjoni bis-saħħa tal-kuntratt fuq riferit, li kopja tiegħu tinsab eżibita fil-fol. 8 tal-proċess, kif ukoll bix-xhieda minnu prodotti;

Illi fl-imsemmi kuntratt jingħad li Pio Cutajar biegħ lill-konvenut il-fond urban fiż-Żejtun, Constitution Street numri 25 u 26, liberu u frank, bl-arja libera tiegħu u biddritt tal-appoġġi mal-fondi nri. 24 u 27 imħallsin; u fl-aħħar paragrafu tal-istess kuntratt ikompli jingħad illi l-appoġġ mal-fond nru. 24 huwa mħallas fl-intier, peress li l-istess Cutajar u l-proprjetarju ta' dak il-fond kienu pattew l-appoġġi, billi Cutajar ma rċeviex nofs l-ispejjeż tal-ħitan tiegħu bl-intiża mal-proprjetarju tal-fond nru. 24, u illi Cutajar ma jħallasx appoġġi jekk huwa jkompli jibni u jpoġġi mal-kumplament tal-istess fond, mentri l-appoġġi tal-fond nru. 27 Cutajar kien ħallashom fl-intier allavolja poġġa biss ma' parti minnhom;

Illi mhux kontestat li f'dak il-kuntratt ma ħax parti l-proprjetarju tal-fondi li magħhom Pio Cutajar appoġġa, u għalhekk id-dikjarazzjoni opposta mill-konvenut hija "res inter alios acta" għall-attriċi bħala aventi kawża u ma torbotha bl-ebda mod; u dan apparti ċ-ċirkustanza li l-fond tal-attriċi, skond iċ-ċitazzjoni u r-relazzjoni tal-Perit Renè Buttigieg (fol. 4) iġib in-numru 23, mentri l-imsemmi kuntratt jirrigwarda l-appoġġi mal-fondi nri. 24 u 27;

Illi l-konvenut ġieb jixhed lil Carmelo Tabone, li kkon-

ferma sostanzjalment id-dikjarazzjoni fuq miġjuba; iżda l-atturi fid-dibattitu orali ssottomettew illi, jekk anki dak il-ftehim dwar l-appoġġ kien sar, ma jiswiex, għaliex ma sarx b'att pubbliku;

Illi fuq din il-kwistjoni l-Qorti tosserva li huwa ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi d-dritt tal-appoġġ, bħala "jus in jure", huwa dritt reali u immobiljari, u għalhekk kwalunkwe konvenzjoni li biha dan id-dritt jiġi trasferit lil ħadd ieħor mhix valida jekk ma tirriżultax minn att publiku (art. 1039(1) Kod. Ċiv. — Kollez. XXI-II-494, u XXX-II-328); u dan mhux biss fil-konfront tat-terzi, imma anki bejn l-istess partijiet (Kollez. XXVII-I-773). Issa, ebda prova ma saret li l-ftehim dwar l-appoġġ in kwistjoni sar b'att publiku; u għalhekk legalment ma jiswiex; salv kull dritt ieħor, " si et quatenus";

Illi għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-konvenut mhix sostenibbli;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

U billi s-somma mitluba mhix ammessa, għall-aħjar istruzzjoni tal-kawża jeħtieġ li jiġi mqabbad perit tekniku biex jillikwida l-kumpens dovut lill-atturi għall-appoġġ indikat fiċ-ċitazzjoni; u għal dan l-oġġett tinnomina......;

Il-kawża tibqa' differita għall-14 ta' Novembru 1957, għall-preżentazzjoni tar-rapport.